# Siltiet Minn 'Il-Ħabs Tiegħi' ta' Silvio Pellico

*Traduzzjoni ta'* PATRI VAL. V. BARBARA

*Nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Ottubru, 1820, Silvju Pellico ġie arrestat f'Milan mill-Gvern Awstrjak li dik il-ħabta kien jaħkem fuq in-naħa ta' fuq ta' l-Italja. Huwa ġie mixli li kien imsieħeb f'xirka moħbija li riedet taħwi l-Istat, u għalhekk mitfugħ fil-ħabs ta' Sta. Margarita ta' Milan, sakemm jiġi mressaq quddiem il-qorti. — Fl-ewwel kapitli tal-ktieb tiegħu, Pellico jitkellem fuq dak kollu li ġralu f'dan il-ħabs, kif ukoll fuq il-persuni li magħhom b'xi mod iltaqa', fosthom l-imsejkna*

## LIENI

Mill-mogħdija li kien hemm taħt it-tieqa, fi nvell wieħed mal-kamra tiegħi, minn fil-għodu sa fil-għaxija kienu ġejjin u sejrin ħabsin oħra mseħbin mis-sekondini (1); kienu jmorru biex jistħarrġuhom u jerġgħu lura. Il-biċċa l-kbira kont issibhom cħatar. Iżda ġie li rajt lil xi ħadd li kien jidher ta' qatgħa tajba. Għad li qatt ma stajt inħares lejhom fit-tul billi kienu jgħaddu mgħaġġla ħafna, madankollu kienu jwaqqfuli ħsiebi fuqhom; ftit jew wisq kont nitħassarhom ilkoll. Għall-ewwel did-dehra ta' swied il-qalb ħabtet sejra tkabbar in-niket tiegħi; iżda bil-ftit il-ftit drajtha wkoll, u wasiet biex hija nfisha ttaffi d-dwejjaq tal-qagħda ta' waħdi.

Minn hemm kienu jgħaddu wkoll ħafna nisa ħabsin. Dik il-mogħdija kienet twassal sa bieb kbir li jagħti għal fuq bitħa oħra, u hemm kien jinsab il-ħabs tan-nisa u l-isptar tas-sifilitiki. Hajt wieħed u rqiq ħafna kien jifridni minn waħda mill-kmamar tan-nisa. Bosta drabi dawk l-imsejknin kienu jtarrxuni bil-għana tagħhom, u xi drabi bit-tilwim tagħhom. Fil-għaxija meta jkun għamel il-ħin u l-ħsejjes kollha jkunu hedew, jien kont nismagħhom jitkellmu bejniethom.

Li ridt naqbad nitkellem magħhom, stajt. Iżda ma nafx għaliex, dan qatt ma għamiltu. Għall-mistħija? Għall-kburija?

(1) Hekk isejħulhom il-għassiesa ta' taħt il-kbir.

Jew għax ftaħt għajnejja li ma mmurx innissel fija xi ġibda leju nisa mwaqqgħin? Aktarx imħabba dawn it-tliet ħwejjeġ f'daqqa. Il-mara, meta tkun kif għandha tkun, hija għalija ħlejqa wisq għolja. Meta nħares lejha, nismagħha jew nitkellem magħha, dehni jistagħna bi ħsibijiet għoljin. Imma meta twaqqa' ġieħha u tixxennaq, naraha tħawwadni, tnikkitni u tmewwitli l-poeżija kollha minn qalbi.

Iżda...... (dawn l-*iżda* ma tistax tgħaddi mingħajrhom biex tfisser il-bniedem, kewn magħġun minn bosta ħwejjeġ) fost dawk in-nisa kien hemm xi wħud li kellhom leħenhom ħelu tassew, u dawn (u għax m'għandix ingħidu?) kienu għeżież għalija. Waħda minnhom kellha leħenha aktar ħlejju minn ta' l-oħrajn; ma kinitx tinstema' sikwit, u qatt ma lissnet ħsibijiet baxxi. Ftit kienet tgħanni, u aktarx dejjem dawn iż-żewġ versi ta' niket:

*Min irodd lill-imsejkna*
*L-hena tagħha mitluf?*

Xi drabi kienet tgħanni l-litanija. Sħabha kienu jixxierku magħha, imma jien kelli ħabta nagħżel leħen Lieni fost l-oħrajn kollha li qishom kienu jagħmlu kemm jistgħu biex jitfuhuli.

Iva, dik l-imsejkna kien jisimha Lieni. Meta sħabha kienu jitħaddtu fuq is-slaleb tagħhom, hija kienet titħassarhom, titniegħed tnegħida u tgħidilhom: "Agħmel il-ħila, għażiża tiegħi: il-Mulej ma jinsa lil ħadd".

Min seta' jżommni li ndonnha isbaħ u aktar imsejkna milli ħatja, imwielda għad-drawwiet tajba, u li setgħet terġa' lura għalihom jekk twarrbet minnhom? Min seta' jmaqdarni jekk kont inħoss bħal ħlewwa ta' qalb xħin nismagħha, jekk kont nissemmgħalha miġbur, jekk kont nitlob għaliha b'ħerqa waħdanija?

Ta' min iqimu s-safa, iżda daqshekk ieħor l-indiema! L-itjeb fost il-bnedmin, il-Bniedem-Alla, jewwilla kien jistmerr li jserraħ il-ħarsa ħanina tiegħu fuq il-midinbin, li jwaġġaħ ittfixkil tagħhom, li jsejħilhom fost l-erwieħ li l-aktar kien iġib? Għaliex immaqdru daqshekk lill-mara mwaqqgħa fil-għajb?

F'taħdit bħal dan miegħi nnifsi, mitt darba kont ingarrab li nerfa' leħni u nagħmel stqarrija ta' mħabba aħwija lil Lieni. Darba waħda kont ġà bdejt l-ewwel taqsima tas-sejħa: "Lien...!" Haġa li ma tistennihiex! qalbi bdiet tħabbat bħal

ta' tfajjel maħbub ta' ħmistax; jien li kelli wieħed u tletin, li mhux aktar għomor għal tqanqil it-tfal.

Ma stajtx nissokta. Erġajt bdejt: "Lien!... Lien!..." Iżda kien għai xejn. Rajtni taċ-ċajt, u mgħaddab għajjatt: "Belhien, u mhux Lien!"

Hekk intemmet il-ġrajja tiegħi ta' mħabba ma' dik l-imsejkna. Għal bosta ġimgħat madankollu ħassejtni midjun lejha għal xi ħsus ħelwa mill-aktar li nisslitli. Dlonk kont mħossni qalbi sewda, u leħenha kien iferraħni; ħafna drabi fil-waqt li naħseb fuq il-ġufija u l-ebusija ta' qlub il-bnedmin, kont nagħdab għalihom u nobgħod il-ħolqien, imma leħen Lieni kien jerġa' jwettili t-triq għall-ħniena u l-maħfra.

— Ja midinba bla magħrufa, jalla l-ħabs tiegħek ma kienx għat-tul! Jew domt kemm domt magħluqa, jalla l-ħabs jiswielek ta' ġid biex tagħraf terfa' ġiehek u tmut għażiża f'għajnejn il-Mulej! Jalla dawk li jafuk tiġihom ħasra minnek u jweġġħuk bħalma għamilt jien li ma kontx nafek! Jalla f'qalb kull min jarak tnissel is-sabar, il-ħlewwa, ix-xewqa tad-drawwiet tajba, it-tama f'Alla, bħalma nissilthom f'min ħabbek bla ma rak! Nista' nitqarraq fi ħsiebi meta nġibek sabiħa quddiem għajnejja, iżda ruħek bans li kienet sabiħa. Sħabek kienu jitkellmu kif ġie ġie, imma l-kliem tiegħek kien irżin u ħlejju; kienu jidgħu, u int kont tbierek 'l Alla; kienu jitlewmu, u int kont terġa' tressaqhom flimkien. Jekk xi ħadd newwillek idu biex jerfgħek mill-ħajja tal-għajb, jekk għamillek il-ġid bil-ħlewwa kollha, jekk ix-xuttalek dmugħek, jalla kull barka tas-sema tinżel fuqu, fuq uliedu, u fuq ulied uliedu!

*Minn Sta. Margarita, Pellico ġie meħud fil-ħabs tal-"Piombi" f'Venezja, u mbagħad f'dak ta' S. Mikiel fi gżira ta' l-istess isem, qrib Venezja wkoll; minn hawn fit-22 ta' Frar 1822, huwa u sieħbu Pietru Maroncelli, arrestat bħalu, reġgħu ġew imwasslin sal-belt biex tinqralhom quddiem kulħadd*

## IS-SENTENZA

Fid-disgħa ta' fil-għodu, Maroncelli u jien tellgħuna fil-gondla u ħaduna l-belt. Wasalna fil-palazz tad-doġi, u tlajna l-ħabs. Qegħduna f'kamra li fiha ftit jiem qabel kien hemm is-sur Caporali; lil dan ma nafx fejn ħaduh. Disgħa jew għaxar żbirri qagħdu bil-qiegħda jgħassuna, u aħna bqajna nimxu 'l hawn u 'l hinn, nistennew il-waqt li jeħduna fil-misraħ. Il-mistennija kie-

net twila. Fl-aħħar, f'nofs in-nhar deher l-inkwiżitur u qalilna li jeħtieġ immorru. Ġie t-tabib u wissiena nixorbu tazza ilma tal-menta; ħadnieha u żżejnieh ħajr, mhux biss għal din, iżda għall-ħasra kbira li t-twajjeb xwejjaħ ġietu minna. Kien it-tabib Dosmo. Imbagħad resaq lejna l-kbir ta' l-iżbirri, u xeddilna l-qjud f'idejna. Imxejna warajh, imwennsin mill-iżbirri l-oħra.

Inżilna t-taraġ sabiħ tal-*Ġganti*, ftakarna fid-doġe Marin Faliero, li hemm qatgħulu rasu, għaddejna mill-bieb il-kbir li mill-bitħa tal-palazz jagħti għall-misraħ, u meta wasalna hawn dorna max-xellug lejn il-għadira. F'nofs il-misraħ kien hemm il-palk li fuqu kellna nitilgħu. Mit-taraġ tal-*Ġganti* sa dak il-palk kienu mifruxin żewġ sriebet ta' suldati tedeski; aħna għaddejna minn ġo nofshom.

Meta tlajna hemm ħarisna ma' dwarna u lmaħna l-biża' fuq wiċċ dik il-kotra bla tarf. F'naħat oħra fil-bogħod instabu suldati armati oħrajn. Qalulna li kienu qiegħdu kullimkien kanuni bil-miċeċ imqabbda.

Il-misraħ kien dak fejn f'Settembru 1820, xahar qabel ma arrestawni, wieħed tallab kien qalli: "Dan huwa mkien ta' hemm!"

Ftakart f'dak it-tallab, u ħsibt: "Min jaf jekk fost dawn l-eluf kollha jinsabx huwa wkoll, u għandu ħila jagħrafni!"

Il-kaptan tedesk għajtilna biex induru lejn il-palazz u nħarsu 'l fuq. Smajna minnu, u fil-loġġa rajna kurjal b'karta f'idu. Kienet is-sentenza. Hu qraha b'leħen għoli.

Waqgħet ħemda l-aktar kbira sal-kelmiet: *inqatgħetilhom għall-mewt*. Ma' dawn il-kelmiet telgħet għagħa waħda ta' ħasra. Imbagħad reġa' niżel is-skiet biex tinstama' l-bqija tal-qari. Hamba oħra reġgħet qamet għall-kelmiet: *imwaħħlin ħabs iebes: Maroncelli għal għoxrin sena, u Pellico għal ħmistax.*

Il-kaptan għamlilna s-sinjal biex ninżlu. Tfajna ħarsa oħra ma' dwarna u nżilna. Erġajna dħalna fil-bitħa, tlajna t-taraġ, morna fil-kamra li minnha ħarġuna, neħħewlna l-qjud; imbagħad reġgħu ħaduna f'San Mikiel.

* * *

*Fil-lejl ta' bejn il-25 u s-26 ta' Marzu 1822 Pellico u Maroncelli telqu minn Venezja u ġew meħudin fil-ħabs ta' Spielberg fl-Awstrja, fejn waslu fil-10 ta' April. F'dan il-ħabs kien hemm*

*ħafna patrijotti Taljani, u l-ħruxija u t-tbatija li kellhom isofru huma ħwejjeġ li ma jitwemmnux. Wieħed iħoss qalbu tingħafas xħin jaqra l-paġni patetiċi li fihom Pellico jiddeskrivi dik il-ħajja ta' niket. Tmien snin wara, l-Imperatur ħafrilhom il-bqija tal-ħabs u tahom*

## IL-HELSIEN

Żernaq l-1 t'Awissu 1830. Għaddew għaxar snin mindu kont tlift il-ħelsien; tmien snin u nofs għamilthom ħabs iebes.

Kien nhar ta' Ħadd. Bħall-festi l-oħra morna fil-kappella tas-soltu. Bħal drabi oħra ttawwalna minn fuq il-ħajt baxx lejn il-wied ta' taħtna u lejn iċ-ċimiterju fejn kienu midfunin Orboni u Villa, u tkellimna fuq il-mistrieħ li hemm ġurnata kellu jsib għadamna. Bħal drabi oħra qgħadna bil-qiegħda fuq il-bank tas-soltu, nistennew li l-imsejkna nisa kalzrati joħorġu mill-quddiesa li kien ikollhom qabel tagħna. Huma kienu jiġu meħuda fejn konna mmorru aħna għall-quddiesa ta' wara, fl-istess kappella. Din kienet tmiss mal-bitħa.

Hemm drawwa fil-Ġermanja kollha li waqt il-quddiesa n-nies igħannu innijiet fl-ilsien tagħhom. Billi l-imperu ta' l-Awstrija jiġbor fih tedeski u slavi, u billi fil-ħabs ta' Spielberg il-biċċa l-kbira tal-kalzrati huma kemm minn dawk u kemm minn dawn, l-innijiet kienu jgħannuhom festa bit-tedesk u oħra bl-islav. Konna tassew nitgħaxxqu nisimgħu dak il-għana u l-orgni jdoqq magħhom.

Fost in-nisa kien hemm uħud li leħenhom kien imisslek qalbek. Imsieken! Uħud minnhom kienu tassew żgħażagħ. Xi mħabba, xi għira, jew xi eżempju ħażin kaxkarhom fil-ħtija! Għadu f'widnejja l-għana qaddis tagħhom tas-*Sanctus*: *heilig*! *heilig*! *heilig*! (2). Qabżitli demgħa jiena u nisimgħu.

Fil-għaxra n-nisa ħarġu u dħalna għall-quddiesa aħna. Erġajt rajt lil dawk sħabi fin-niket li kienu jisimgħu l-quddiesa minn fuq il-manbar ta' l-orgni, u li minna kienu mifrudin bi grada waħda biss, kollha sfajrin, mixruba, u jkaxkru l-ktajjen tagħhom bit-tbatija.

Meta spiċċat il-quddiesa, erġajna lura lejn il-għerien tagħna. Kwarta wara, ġabulna l-ikel. Konna nhejju l-mejda aħna, jiġifieri konna nqiegħdu luħ ċkejken fuq it-tavla u nieħdu l-im-

(2) Qaddis! qaddis! qaddis!

għaref tal-għuda li kellna; meta fil-ħin jidħol ħdejna s-sur Wegrat, fizzjal ta' wara l-kbir.

"Jisgħob bija li se nfixkilkom l-ikla", qalilna; "iżda, jekk jogħġobkom, ejjew miegħi; hawn is-sur direttur tal-pulizija".

Billi dan kien jiġi biss għal xi ħwejjeġ li konna drajniehom, bħal xi tfittix jew xi stħarriġ, morna tassew fuq qalbna mattwajjeb fizzjal sal-kamra tal-laqgħat.

Hemm sibna d-direttur tal-pulizija u l-fizzjal il-kbir; id-direttur b'rasu għamlilna tislima ħelwa aktar minn dari.

Imbagħad ħa karta f'idu, u b'leħen maqtugħ, għandu mnejn għax baża' li jagħtina ħasda kbira jekk igħidilna mill-ewwel, qalilna:

"Sinjuri... inħossni ferħan... għandi l-ġieħ... inħabbrilkom... li l-M.T. l-Imperatur għoġbu jagħtikom... grazzja oħra..."

Kien qisu qiegħed jaqlagħha minn qalbu biex igħidilna xi grazzja kienet din. Aħna bdejna naħsbuha xi tnaqqis mit-tbatija, ngħidu aħna li jeħilsuna mid-dwejjaq tax-xogħol, jew li jagħtuna xi ktieb iżjed, jew li jkollna ikel inqas ħażin.

"Għadkom ma fhimtux?" qal.

"Le, sinjur. Nitolbuk tfissrilna xi grazzja hi din."

"Hi l-ħelsien għalikom it-tnejn, u għal wieħed ieħor li dalwaqt tgħannqu magħkom."

Wieħed jaħseb li din l-aħbar kellha ġġagħalna naqbżu bilferħ. Il-ħsieb tagħna ġera minnufih għal fuq niesna, li tagħhom konna ilna żmien twil ma nieħdu aħbar, u l-ħsieb li stajna ma nsibuhomx iżjed ħajjin hekk weġġgħalna qalbna, li xejjen il-hena li kellu jitnissel fina għall-aħbar tal-ħelsien tagħna.

"Tbikkimtu?" qalilna d-direttur tal-pulizija. "Stennejt li sa narakom ferħana ħafna."

"Nitolbok," weġibtu jien, li twassal lill-Imperatur it-tiżżija ta' ħajr tagħna; iżda jekk ma jkollna l-ebda aħbar fuq niesna, ma jistax ikun ma nibżgħux li naqsuna xi wħud mill-għeżież tagħna. Dan il-ħsieb li jħallina bejn ħaltejn qiegħed jaqsmilna qalbna, saħansitra f'waqt li għalina għandu jkun ta' l-ikbar ferħ."

Hawnhekk huwa newwel lil Maroncelli ittra ta' ħuh li farrġitu mhux ftit. Lili qalli li ma kien hemm xejn minn għand niesi, u dan aktar daħħalli f'rasi li kien ġralhom xi ħaġa.

"Morru fil-kamra tagħkom", issokta jgħid; "u dalwaqt ni-

bagħtilkom lill-ieħor li qala' l-grazzja bħalkom."

Morna, u bdejna nistennew lill-ieħor b'ħerqa kbira. Xtaqna li kien kulħadd, iżda ma setax ikun ħlief wieħed.—Mhux li kien ix-xwejjaħ Munari, miskin! mhux li kien dak! mhux li kien l-ieħor! Ebda wieħed ma baqa' li ma xtaqniehx magħna.

Fl-aħħar il-bieb jinfetaħ, u naraw li dak is-sieħeb l-ieħor kien is-sur Indrì Tonelli, minn Brescia.

Intlaqna f'dirgħajn xulxin. Ma stajniex nissoktaw nieklu.

Bqajna nitħaddtu sa fil-għaxija, nitħassru lil ħbiebna li kellna nħallu warajna.

Fi nżul ix-xemx id-direttur tal-pulizija reġa' ġie biex joħ-ħoġna minn dak id-demus misħut. Qlubna kienu jitniehdu aħna u għaddejjin minn quddiem il-kmamar ta' ħafna oħrajn maħ-buba, mingħajr ma stajna neħduhom magħna! Min jaf kemm għad idumu jninu hemm ġew? Min jaf kemm minnhom għad taħfinhom qajla qajla l-mewt?

Fuq kiftejn kull wieħed minna qegħdulna mantar tas-sul-dati, kif ukoll berritta f'rasna, u hekk bl-istess ilbies ta' ħabsin, iżda mingħajr ktajjen, inżilna minn dik il-għolja ta' swied il-qalb, u ħaduna fil-belt, fil-ħabs tal-pulizija.

Kien dawl ta' qamar li jsaħħar. It-toroq, id-djar, in-nies li konna niltaqgħu magħhom, kull ħaġa kont naraha hekk għal qalbi u hekk barranija għalija, wara daqshekk snin li kont ili ma nilmaħ dehra bħal din!